**30 ta' April, 1987**

**Imħallef: –**

**Onor. Wallace Ph. Gulia LL.D., B.A., B.Sc., Ph.C., M.A.(Admin.)(Manch.), D.P.A.(Lond.)**

W.R. Kanoniku Kantur Dun Ġwann Borg, debitament awtorizzat *biex jagħmel din il-kawża b'digriet ta' Monsinjur Arċisqof tal-*11 ta' April, 1986

*versus*

Sandra u Angela, xebbiet, Adrian u Patrick aħwa Vella bħala leġittimu rappreżentant ta' bintu minuri Francesca Vella u ta' uliedu naxxituri, ilkoll bħala eredi testamentari tal-Kanoniku *Teżorier Dun Paolo Borg*, u għall-interess li għandu u/jew jista' jkollu, lill-Avukat Dottor Victor Borg Grech

**Patrimonju Sakru – Ġuspatronat – Dritt Kanoniku**

*L-attur talab illi jiġu kkonsenjati lilu kotba u dokumenti appartenenti lill-Patrimonju Sakru. Il-Qorti ċaħdet eċċezzjoni preliminari illi l-Qorti għandha tiddeċidi dwar il-validità tan-nomina tal-ġuspatronat, għaliex il-kawża kienet għall-konsenja tal-kotba u d-dokumenti.*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni Numru 393/86/G li bih premessi d-dikjarazzjoni neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Peress li b'digriet mogħti minn Monsinjur Arċisqof fil-15 ta' Ottubru, 1985 l-attur ġie regolarmanet u kanonikament immess fil-Patrimonju Sakru ta' Ġuspatronat Lajkali Carlo Burlò

(fondat b'att tan-Nutar Giovanni Domenico Gatt tat-13 ta' Marzu 1697) ġà possedut minn zijuh il-Kanoniku Teżorier Dun Pawl Borg li miet testat fit-2 ta' Settembru 1984;

U peress li l-konvenuti Vella huma l-eredi ta' l-imsemmi Kanoniku Dun Pawl Borg innominati bit-testment tiegħu tas-6 ta' Ottubru, 1983 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Brincat;

U peress li, nonostanti diversi talbiet, il-konvenuti għadhom sallum ma kkonsenjawx lill-attur il-kotba u karti (li għalihom għandu dritt) ta' l-amministrazzjoni li kien iżomm il-mejjet Kanoniku Dun Pawl Borg tal-beni formanti d-dote tal-Patrimonju fuq imsemmi;

U peress li dawn il-kotba u karti, skond ma allega hu stess, jinsabu materjalment fil-pussess tal-konvenut Dottor Victor Borg Grech;

L-attur talab lill-konvenuti jew min minnhom jgħidu għaliex – prevja okkorrendo d-dikjarazzjoni li dawn il-kotba qegħdin jiġu ttrattenuti bla jedd u li bi dritt għandhom ikunu f'idejn l-attur bħala attwali possessur tal-Patrimonju Sakru *de quo* – m'għandhomx jiġu kkundannati sabiex jikkonsenjaw lill-attur, fi żmien qasir u perentorju li tiffissa l-Qorti, u taħt il-komminazzjonijiet legali għal min jiddisprezza l-awtorità tal-Qorti, il-kotba u karti kollha li kien iżomm l-isemmi Kanonku Dun Pawl Borg ta' l-amministrazzjoni tal-beni formanti d-dote tal-Patrimonju Sakru fuq imsemmi;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata u l-lista tax-xhieda ta'

l-attur;

Rat l-eċċezzjonijiet (a) tal-konvenut Avukat Dottor Victor Borg Grech, fis-sens:

i) Illi huwa m'għandux interess personali fil-vertenza oġġett ta' din il-kawża li fiha qiegħed biss jaġixxi ta' avukat;

ii) Illi huwa ma għandu ebda titolu jew interess fil-kotba li għandu f'idejh, u dawn qegħdin biss għandu bħala konsulent ta' l-interessati lajċi u biex ikun jista' jieħu ħsieb dak li jkun neċessarju li jsir;

iii) Għalhekk l-eċċipjent għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż; u (b) il-konvenuti Sandra u Angela, xebbiet, Adrian u Patrick, aħwa Vella u Giovanni Vella *nomine* fis-sens:

1) Illi qabel xejn l-attur għandu jipprova l-eżistenza ta' dak li hu sejjaħ Patrimonju Sakra ta' Ġuspatronat Lajkali Carlo Burlò fondat b'att tan-Nutar Giovanni Domenico Gatt tat-13 ta' Marzu, 1697;

2) Illi l-imissjoni ta' l-attur f'dak li hu sejjaħ Patrimonju Sakru m'hix attendibbli għaliex Carlo Burlò ma għamel l-ebda fondazzjoni ta' patrimonju sakru, u għalhekk din l-immissjoni saret minn awtorità li ma kellha l-ebda ġurisdizzjoni fil-materja;

3) Illi l-eċċipjenti jammettu l-eżistenza ta' Patrimonju li m'għandux il-kwalifiki ta' Sakru ta' Ġuspatronat Lajkali, minn Carlo Burlò, però l-attur qatt ma seta' jkun vokat għal dan il-patrimonju;

4) Illi konsegwentement l-attur m'għandu l-ebda dritt għall-kotba u karti mitluba fiċ-ċitazzjoni, u għalhekk it-talbiet ta' l-attur għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż;

Rat id-dikjarazzjonijiet ġuramentati u l-lista tax-xhieda tagħhom;

Rat l-atti l-oħra tal-kawża u, partikolarment rat (a) l-oġġezzjoni għat-trattazzjoni ta' dawn l-eċċezzjonijiet f'din il-kawża rreġistrata fil-verbal ta' l-20 ta' Ottubru, 1986, fis-sens li "Jekk xi ħadd qed jikkontesta l-validità tan-nomina għandu jaġixxi b'azzjoni diretta u mhux *per via di* eċċezzjoni fuq kawża li hija ristretta biss għall-konsenja ta' l-imsemmija kotba: u (b) in-noti ta' l-osservazzjonijiet ta' l-attur u tal-konvenuti Sandra Vella *et;*

Ikkunsidrat illi l-eċċezzjonijiet imqanqla minn Sandra u Angela, xebbiet, Adrian u Patrick, aħwa Vella, u Giovanni Vella *nomine,* huma eċċezzjonijiet delikati u ta' piż, b'komplikazzjonijiet ta' Dritt Kanoniku u Dritt Ċivili, li mhux desiderabbli li jkunu ttrattati inċidentalment u sommarjament iżda jirrikjedu konsiderazzjoni *"funditus"* ta' dan il-Ġuspatronat. Altru dawn l-eċċezzjonijiet u altru t-talba għall-konsenja ta' kotba li l-utilità tagħhom għall-amministrazzjoni retta tal-ġuspatronat tidher mill-ewwel, ċertament, la huwa spedjenti u wisq inqas konvenjenti li qabel il-konsiderazzjoni ta' din it-talba l-Qorti tintilef biex tippronunzja ruħha *funditus* u formalment fuq dawn l-eċċezzjonijiet delikati u ta' piż, u dan s'intendi mingħajr ma l-Qorti tfisser ruħha b'xi mod dwarhom;

Għal dawn il-motivi, taqta' u tiddeċidi li l-validità tan-nomina għandha tkun mistħarrġa f'azzjoni diretta u mhux *per*

*via di* eċċezzjoni f'din il-kawża li hi ristretta biss għall-konsenja tal-kotba mitluba fiċ-ċitazzjoni (*vide* sentenza ta' din il-Qorti kif ippresjeduta tat-30 ta' Marzu 1987, fl-ismijiet Joseph Magro kontra Joseph Vassallo *noe* u l-ġurisprudenza hemmhekk iċċitata u tiddifferixxi l-kawża għall-kontinwazzjoni u trattazzjoni tal-mertu għas-27 ta' Mejju, 1987.